MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Numru. 523/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Jacqueline Mangion ta' 35 sena bint Laurence Micallef u Josephine nee Gouder, imwielda fl-20 t'Awissu 1975 detentru ta' karta ta' l-identita` nru 0391075M u residenti nru 18B, Triq Mattey Grima, Bormla**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Jacqueline Mangion li gie akkuzat talli fil-11 t'April 2011 ghal habta ta' 13.30hrs ikkommettiet serq ta' handbag mill-istabbiliment Home Mate Ltd, gewwa l-Imriehel limiti ta' Hal-Qormi, liema serq u izjed minn €232.94 u mhux  aktar minn €2329.38 ghad-dannu ta' Fortunato Azzopardi mis-Swieqi.

Akkuzata wkoll talli fl-istess jum lok u cirkostanzi xjentement f'Malta laqghat ghandha jew xrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputata il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata u l-fatt illi l-imputata ikkoperat mal-pulizija u rritornat l-oggetti mehuda minnha minnufih.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Mala l-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizjoni li ma tikkommettix reat iehor fi sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu attiv ta' din is-sentenzxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------